MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 56/1997/5

**Mary Abdilla**

**vs**

**Mario Abdilla**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attrici datata 10 ta’ Jannar 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-knisja ta’ l-Oratorju Qalb ta’ Gesu’, il-Mosta fl-1 ta’ Mejju 1986, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (dokument “A”), minn liema zwieg hemm zewg ulied minuri, Mary Anne u Bernardette.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta’ eccessi, mohqrija theddid jew offizi gravi, abbandun minghajr

gustifikazzjoni u adulterju u peress illi l-hajja konjugali ma ghadhiex aktar possibbli peress illi z-zwieg tkisser irremedjabbilment;

Illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti kif jirrizulta mill-kopja annessa tad-digriet tal-10 ta' Dicembru 1996 (Dok "B"), u tixtieq titlob separazzjoni personali minn ma' zewgha;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut iddekada minn sehmu tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

(3) Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi tassenjaha nterament favur l-attrici;

(4) Tapplika favur l-attrici in kwantu applikabbli ghaliha l-effetti ta' l-**artikolu 48 sa 53 tal-Kodici Civili**;

(5) Tiffissa l-manteniment ghall-ulied minuri tal-kontendenti u cioe' Mary Anne u Bernardette;

(6) Tordna l-konvenut ihallas manteniment lill-attrici kif ukoll lill-ulied minuri;

(7) Takkordalha u tafdalha l-kura l-kustodja tat-tfal minuri Mary Anne u Bernardette;

(8) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici ghandha tigi assenjata d-dar taz-zwieg.

Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-rizerva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process.

Rat id-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 10 ta’ Dicembru 1996.

Rat ir-rikorsi tal-attrici datati 10 ta’ Jannar 1997, ir-risposta tal-konvenut tas-27 ta’ Jannar 1997 u d-digriet tal-Qorti tal-31 ta’ Jannar 1997 fejn cahdet it-talba attrici.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Abdilla datata 14 ta’ Settembru 1998 fejn eccepixxa:-.

1. Illi kontrarjament ghal dak allegat mill-attrici, iz-zwieg thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, insulti kontinwi da parti ta’ l-attrici lill-konvenut u minhabba l-karattru mpossibli da parti tal-attrici;

2. Illi l-konvenut qatt ma kkommetta adulterju u wisq anqas abbanduna d-dar matrimonjali izda kellu jhalli d-dar matrimonjali meta l-attrici abbuzivament ippersistiet anke kontra ordinijiet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati filli arbitrarjament tibdel is-serratura tad-dar matrimonjali b’tali mod li l-konvenut ma’ jkunx jista’ jidhol f’daru u per forza kellu jmur jghix mal-genituri tieghu, u ghalhekk fic-cirkostanzi m’ghandhomx japplikaw favur l-attrici l-effetti ta’ l-**artikolu 48 sa 53 tal-Kodici Civili;**

3. Illi l-konvenut jaqbel illi fic-cirkostanzi ssir is-separazzjoni personali u li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u likwidata ugwalment bejn il-kontendenti;

4. Illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tigi fdata lill-attrici b’dana pero’ li l-konvenut ikollu dak l-access kif tistabbilixxi dina l-Onorabbli Qorti u dana dejjem fl-ahjar interess tal-minuri;

5. Illi d-dar matrimonjali ma tkunx assenjata lill-attrici izda li tinbiegh u r-rikavat minn dana l-bejgh jinqasam ugwalment bejn il-partijiet skond kif tistabbilixxi dina l-Qorti;

6. Illi l-konvenut lest li jaghti dak il-manteniment mehtieg lil uliedu l-minuri u dana kif tistabbilixxi dina l-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi finanzjarji tal-konvenut, b'dana pero' li l-manteniment lil martu l-attrici jkun dovut biss meta l-attrici ma tkunx qed tahdem.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 21 u 22.

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi.

Rat in-nota tal-attrici datata 28 t'April 1999 li biha esebiet l-affidavits taghha datat 27 ta' April 1999 u ta' ohtha Victoria Bezzina datat 7 ta' Jannar 1997.

Rat in-nota tal-konvenut Mario Abdilla tat-18 ta' Mejju 1999 li permezz taghha rriserva l-kontro-ezami tal-attrici u ta' Victoria Bezzina.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 1999.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi datati 10 ta' Mejju 1999 fejn xehdu Antoinette Degabriele u Vincenza Calleja; tal-25 ta' Gunju 1999 fejn xehed John Grech ex-Surgent tal-Pulizija; 20 ta' Settembru 1999, 22 t'Ottubru 1999, 7 ta' Dicembru 1999, u 9 ta' Frar 2000 fejn ma sar xejn; tas-27 ta' Marzu 2000 fejn xehdet omm il-konvenut Doris Abdilla; tal-11 t'April 2000 fejn ma sar xejn; tat-23 ta' Mejju 2000 fejn ukoll ma sar xejn; 4 ta' Lulju 2000 fejn xehdet l-attrici mill-gdid; u tat-2 ta' Mejju 2001 fejn Dr. Edward Gatt iddikjara li l-provi huma maghluqa.

Rat il-verbali tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 29 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-konvenut tal-14 ta’ Dicembru 1999 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess tal-istess data.

Rat in-nota tal-attrici tat-23 ta’ Frar 2000 li permezz taghha esebiet l-affidavit iehor taghha stess u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tas-seduti tal-5 t’April 2000; u tat-23 ta’ Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 20 ta’ Settembru 2000 fejn talbet li tigi awtorizzata taghmel uzu mill-vettura tal-konjugi mixtrija fiz-zwieg. Rat id-digriet tal-Qorti datat 20 ta’ Settembru 2000 fejn giet ordnata n-notifika.

Rat il-verbali tal-24 ta’ Novembru 2000; tal-20 ta’ Frar 2001 fejn l-Assistenta Gudizzjarja giet mitluba li taghlaq il-provi; tal-15 ta’ Gunju 2001 fejn il-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni; tal-21 ta’ Novembru 2001; u tat-22 ta’ Jannar 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 25 ta’ Awissu 1999 fejn l-konvenut talab li ma jhallasx manteniment *stante* li kienet hemm bdil ta’ cirkostanzi peress li ma kienx ghadu jahdem bhala *helper* f’Casa Arkati, izda kien qed jahdem *part-time* fl-Isptar Zammit Clapp u kellu biss dhul ta’ Lm170 fix-xahar.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata l-1 ta’ Ottubru 1999 fejn opponiet ghat-talba tal-istess konvenut *stante* li allegat li l-istess konvenut kellu xoghol ta’ negozju *full time* ta’ funerali gestit minnu bhala *“Mario’s Funerals”* 32A, Triq Mattew Callus, Mosta, u li l-konvenut ma hallasx manteniment ghax-xhur ta’ Lulju, Awissu u Settembru 1999.

Rat ir-rikors ulterjuri tal-konvenut datat 12 ta’ Gunju 2000.

Rat ir-risposta ulterjuri datata 19 ta’ Gunju 2000.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datat 4 ta' Awissu 2000 fejn cahdet it-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu datat 12 ta' Gunju 2000.

Rat is-seduti u x-xhieda moghtija mill-konvenut fl-atti tal-istess rikors datat 25 ta' Awissu 1999.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta datat 30 ta' Lulju 2001 fejn il-manteniment tal-attrici u ta' wliedha gie ridott ghal Lm120 fix-xahar b'effett mill-1 ta' Awissu 2001 minflok Lm140 fix-xahar.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata 22 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbal tad-9 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tal-1 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lil Dr. Anglu Farrugia ghall-konvenut sabiex jipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lill-kontro-parti.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-30 ta' Dicembru 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-3 ta' Jannar 2003 fejn talab li jigi nominat Perit Tekniku biex jaghmel stima tad-dar matrimonjali.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-7 ta' Jannar 2003 fejn iddegretat li ghandha tipprovdi *seduta stante*.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2003 fejn Dr. Patrick Galea ghall-attrici rrimetta ruhu ghat-talba ta' nomina ta' Perit Tekniku. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Valerio Schembri biex jaghmel stima tal-fond *"41, Hope Street, Mosta"* a provizorjament tal-konvenut; u tal-20 ta' Marzu 2003.

Rat ir-replika tal-attrici datata 7 t'April 2003 ghan-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2003 fejn il-Perit Tekniku Valerio Schembri halef ir-rapport. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport. Il-Qorti tat terminu ta' erbghin (40) jum lill-konvenut sabiex jipprezenta kontro-replika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku, is-seduti minnu mizmuma, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici akkuzat lill-konvenut b'diversi atti ta' vjolenza fil-konfront taghha, u ghalkemm jidher li l-konvenut innega dan kollu, pero' din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-verzjoni tal-attrici hija aktar verosimili minn dik tal-konvenut, u tali verosimiljanza hija forma ohra ta' korroborazzjoni; dan apparti li l-istess xhieda tal-attrici hija kkoroborata kemm minn dokumenti esebiti ta' divers rapporti li saru minnha kontra l-konvenut, kif ukoll minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn l-istess konvenut instab hati ta' vjolenza fil-konfront tal-attrici, u wkoll f'hafna aspetti ta' din ix-xhieda giet korroborata mix-xhieda minnha prodotta inkluzi dik ta' Antoinette Degabriele, fis-seduta ta' l-10 ta' Mejju 1989, u ta' Vincenza Calleja li tigi z-zija ta' l-attrici, a fol. 30 tal-process. Fit-tielet paragrafu tax-xhieda taghha hi tghid hekk:-

*"Kienet iccempel l-ghassa u l-polyclinic ghax kien ikun xurban u kienet tibza' minnu. Kienet tkun imwerwra peress li kienet tghidli".*

Illi ghandu jigi osservat ukoll li gew esebiti diversi okkorrenzi ta' ncidenti ta' inkwiet illi kien hemm bejn Mary Abdilla u Mario Abdilla u rapporti li saru biz-zewg nahat a

fol. 28 sa fol. 29 tal-process. Kif ukoll li giet esebita sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli, fejn l-imsemmi Mario Abdilla kien gie akkuzat li hedded lill-martu Mary Abdilla, kif ukoll li pponta mus u hebb ghall-istess martu u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika t-tabib, u f'dan il-kaz il-Qorti tat decizjoni fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, pero' taht ic-cirkostanzi tal-kaz, inkluz il-fedina penali tal-imputat, illiberat lill-imputat taht provvediment tal-**artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta**, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien tliet snin. Finalment il-Qorti bl-applikazzjoni tal-**aritikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** rabtet lill-imputat Mario Abdilla b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li ma jimmolestax lil martu Mary Abdilla ghal zmien sena. Illi fuq akkuza ohra din id-darba kontra Mary Abdilla rigward ezercizzju ta' dritt arbitrarju, giet akkuzata li fixkelt u nehhiet mill-pusess pacifiku ta' zewgha Mario Abdilla tal-fond matrimonjali, 41, Hope Street, Mosta, billi biddlet is-serratura tal-bieb, izda *stante* rinunzja tal-parte civili, il-Qorti wara li rat l-**artikolu 42 (20), (13) tal-Ligijiet ta' Malta** ma haditx aktar konjizzjoni tal-kawza peress li l-procediment gie ezawrit.

Illi ghalhekk minn ezami tal-provi prodotti u wara li fliet ix-xhieda kollha prodotta, jirrizulta lil din il-Qorti li x-xhieda tal-attrici hija hafna aktar kredibbli u sostanzjata, u hawn issir riferenza partikolari ghax-xhieda dettaljata tal-attrici fl-affidavits taghha fejn hemm imsemmija sensiela twila ta' ncidenti pprovokati mill-konvenut, anke minhabba l-abbuz tal-alkahol *da parte* tieghu, b'dan li l-konvenut qed jigi mizmum minn din il-Qorti bhala hati ta' agir irresponsabbli bhalma huwa s-swat, theddid u ngurji gravi, fil-konfront ta' martu. Illi dawn kienu ncidenti serji ta' agir vjolenti, tant illi martu kellha tirrikorri ghand ghaqdiet bhal Domestic Violance Unit jew Sedqa b'diversi xhieda li jikkonfermaw t-tendenzi ta' abbuz ta' alkohol kif ukoll agir vjolenti, min-naha tal-konvenut lejn martu. Dan in-nuqqas ta' komportament bhala ragel mizzewweg u l-inkonsistenzi fl-affidavit tal-konvenut kif ukoll l-inkwiet kbir li kien ikun hemm fid-dar juri u jindika li mill-kumpless kollu tal-provi, il-ko-abitazzjoni fl-istess dar kienet saret impossibbli. Illi

ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi li rrendew il-hajja bejn il-konjugi mhux aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut f’dan il-kuntest ghandhom ilkoll jigu respinti.

Illi kif dan huwa wkoll konsistenti mad-decizjoni tal-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta’ Lulju 2000, (a fol. 106 sa 111 tal-process) l-attrici Mary Abdilla giet awtorizzata biex ma wliedha l-minuri tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali 41, Hope Street, Mosta, ad eskluzjoni ta’ zewgha l-intimat, u ordnat illi l-intimat u cjoe’ l-konvenut jizgombra u ma jersaqx lejn id-dar matrimonjali, pendenti l-ezitu ta’ proceduri ta’ separazzjoni.

Illi dwar it-talba tal-attrici ghall-manteniment din il-Qorti tinnota li l-ahhar digriet li huwa vigenti *pendente lite* huwa fis-sens li mill-1 ta’ Awissu, 2001, tirriduci l-alimenti pagabbli *pendente lite* sakemm l-introjtu tal-konvenut ma jitbiddilx ghal Lm60.00 (sittin liri Maltin) fix-xahar ghall-mara u Lm60.00 (sittin liri Maltin) ghall-minuri, total ta’ Lm120.00 (mija u ghoxrin liri Maltin) minn *income* tar-rikorrent ta’ cirka Lm200.00 (mitejn liri Maltin) netti fix-xahar.

Illi din il-Qorti tinnota t-talba tal-konvenut sabiex ma jhallasx manteniment fuq il-pretiza li l-introjtu tieghu naqas mid-data minn meta gie stabbilit l-ewwel darba permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fil-10 ta’ Dicembru 1996; ma hemm l-ebda dubju lanqas li l-konvenut ghandu l-obbligu ta’ manteniment *verso* l-istess attrici, pero’ din il-Qorti thoss li abbazi tax-xhieda prodotta mill-istess konvenut fil-kors tal-kawza u anke fl-atti tar-rikors *pendente lite* fejn talab li jigi ezentat milli jhallas manteniment, li x-xhieda tal-istess konvenut dwar l-introjtu attwali tieghu ma hijiex kredibbli, anzi jidher li l-istess xhieda tieghu hija mimlija nkonsistenzi, u senjatament ghall-fatt li ghalkemm ma hemm l-ebda dubju li huwa ghandu l-permess sabiex igesti n-negozju tal-funerali, huwa qatt ma pprovda l-ebda rendikont tal-istess negozju,

u t-tezi tieghu li huwa jaqla’ biss ftit ammonti bhala *commission* ma hijiex kredibbli. Illi f’dan kollu din il-Qorti tinnota li hemm diffikolta’ serja sabiex il-konvenut ihallas lill-attrici l-manteniment ukoll fil-futur u ghalhekk huwa relevanti li jigu ezaminati d-disposizzjoniet tal-**artikolu 54 tal-Kodici Civili.**

Illi l-**artikolu 54 tal-Kodici Civili** li jittratta dwar l-obbligu ta’ manteniment tal-konjugi f’kawza ta’ firda jipprovdi *inter alia* illi meta tigi deciza finalment il-Qorti tista’ jekk hekk jidhrilha li xieraq fic-cirkostanzi tordna lill-parti responsabbli ghall-manteniment li thallas lill-parti l-ohra minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed biex il-parti li jkollha tircievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-parti l-ohra skond il-kaz (sub-inciz 3). Din is-somma globali l-Qorti tista’ tordna li tithallas f’salt jew f’ghadd ta’ skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifrux fuq perjodu ta’ zmien (sub-inciz 5).

Illi *inoltre* u dan huwa relevanti ghall-kaz in ezami, il-Qorti tista’ tordna li minflok dik is-somma globali ndikata f’sub-inciz 3 kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha thallasha taghti proprjeta b’titolu ta’ proprjeta jew uzufrutt jew ghall-uzu jew abitazzjoni (sub-inciz 6). *Vide* re-assunt *de lege* dwar l-**artikolu 54** tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza (Cit Nru. 1583/94 VDG fl-ismijiet **“Emma Burg vs L-Avukat Dr John Mizzi noe”** tal-5 ta’ Ottubru 1998).

Illi tenut kont ta’ dan kollu jirrizulta li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti il-konvenut kien konsistenti fit-tentattiv tieghu sabiex jevadi l-hlas ta’ manteniment lejn martu wkoll waqt dawn il-proceduri, u allura din il-Qorti li b’applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) u l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** li l-attrici ghandha tigi assenjata s-sehem ta’ nofs indiviz tal-konvenut mid-dar matrimonjali 41, Hope Street, Mosta, u dan *per saldo* kemm ghad-dritt ta’ manteniment lilha dovut mill-konvenut, inkluzi kull arretrati dovuti, u kif ukoll ghall-kreditu parafernali iehor ghall-xoghljiet li saru fl-istess dar minnha u mill-familjari taghha ghan-nom taghha, inkluz il-kreditu ta’ elf disa’ mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm1,975) li hija kellha fuq l-istess dar skond id-Dok.

"MA1" minnha esebit, u wkoll kull kreditu parafernali ulterjuri fl-ammont ta' elf mitejn u sebgha u tmenin liri Maltin (Lm,1287) skond ir-ricevuti esebiti bhala Dok. "MA 32 sa MA 33" minnha wkoll esebiti, b'dan ukoll li d-dejn kollu ezistenti fuq is-servizzi kollha fl-istess dar, inkluzi telefon, ilma u dawl, inkluzi dawk indikati fl-affdavit taghha ghandhom jithallsu kollha mil-istess attrici.

Illi bhala manteniment ghall-minuri, din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghan-nom tal-istess minuri s-somma ta' hamsin liri Maltin (Lm50) fix-xahar b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema ammont ghandu jithallas b'erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici, u ghal dan l-iskop tordna li l-istess ammonti jinqatghu direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tal-istess konvenut, u jintbaghtu direttament mill-istess *employer* lill-attrici fir-residenza taghha.  Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut.

Illi in kwantu tal-kura u kustodja tat-tfal, il-Qorti jidhrilha li ghandu jibqa' jigi rispettat id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Dicembru 1986, u cjoe' li l-ulied minuri tal-kontendenti ghandhom jibqghu fil-kura u kustodja tal-attrici salv id-dritt u l-access ghalihom favur il-konvenut nhar ta' Hadd jew is-Sibt bejn 8:30 a.m. u l-12:00 p.m. u nhar ta' Erbgha bejn il-5:00 p.m. u s-7:00 p.m.  It-tfal jingabru u jigu ritornati mid-dar tal-attrici.

Illi apparti dak premess dwar id-dar matrimonjali l-attrici elenkat il-mobbli mixtrija fiz-zwieg illi wara li jinghadu flimkien l-ircevuti rispettivi ta' dawn il-mobilja neqsin xi *items* zghar li taghhom ma nstabitx l-ircevuta, dawn jammontaw ghas-somma totali ta' meta nxtraw ta' cirka elfejn hames mija u tnejn u sebghin liri Maltin (Lm2,572.00).  Dawn ghandhom jigu assenjati kollha lill-attrici kif indikati f'lista bhala *"mobbli mixtrija fiz-zwieg"* fl-affidavit taghha datat 27 ta' April 1999, b'dan li l-konvenut ghandu jigi assenjat bhala sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti l-karozza Mini Reg. No. IAB – 591 u l-lambretta Bajaj Reg. No. FAD 305 flimkien mal-Qabar fic-Cimeterju tal-Mosta ndikat fid-Dokument "MA 4".

Illi l-attrici ghandha wkoll izomm il-beni parafernali taghha skond l-istess lista anessa mal-imsemmi affdavit tagha datat 27 ta' April 1999.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici b'dan illi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan li tiddikjara li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi li rrendew il-hajja bejn il-konjugi mhux aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens biss li tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16**.

3. Tilqa' t-tielet talba biss fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mill-10 ta' Dicembru 1996.

Illi dwar id-divizjoni tal-istess in vista ta' dak fuq premess u deciz u b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) u l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16,** l-attrici qed tigi assenjata s-sehem ta' nofs indiviz tal-konvenut mid-dar matrimonjali 41, Hope Street, Mosta, u dan *per saldo* kemm ghad-dritt ta' manteniment lilha dovut mill-konvenut, inkluzi kull arretati dovuti, u kif ukoll ghall-kreditu parafernali iehor ghal xoghljiet li saru fl-istess dar minnha u mill-familjari taghha ghan-nom taghha, inkluz il-kreditu ta' elf disa' mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm1,975) li hija kellha fuq l-istess dar skond id-Dok. “MA1” minnha esebit u wkoll kull kreditu parafernali ulterjuri fl-ammont ta' elf mitejn u sebgha u tmenin liri Maltin (Lm1,287) skond ir-ricevuti esebiti bhala Dok. “MA 32 sa MA 33” minnha wkoll esebiti,

b'dan ukoll li d-dejn kollu ezistenti fuq is-servizzi kollha fl-istess dar, inkluzi telefon, ilma u dawl, inkluzi dawk indikati fl-affidavit taghha ghandhom jithallsu kollha mill-istess attrici, b'dan ghalhekk li *stante* li l-istess attrici ghandha bhala sehemha wkoll nofs l-indiviz tal-istess immobbli, l-istess immobbli 41, Hope Street, Mosta, b'effett ta' din is-sentenza u bl-assenjazzjoni fuq indikata b'effett mid-data ta' din is-sentenza tappartjeni esklussivament lill-attrici, u l-konvenut ma ghandu l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess.

Illi dwar mobbli nkluzi ghamara u *applainces,* ilkoll elenkati mill-attrici fl-affidavit taghha datat 27 ta' April 1997, dawn ukoll qed jigu assenjati kollha lill-attrici kif indikati f'lista bhala *"Mobbli mixtrija fiz-zwieg"* fl-affidavit taghha msemmi, b'dan li kull dejn fuq l-istess mobbli ghandu jithallas minnha, b'dan li l-konvenut qed jigi assenjat bhala sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti l-karozza Mini Reg. No. IAB – 591 u l-lambretta Bajaj Reg. No. FAD 305 flimkien mal-Qabar fic-Cimeterju tal-Mosta indikat fid-Dokument "MA 4".

Illi fl-ahharnett l-attrici ghandha wkoll izzomm il-beni parafernali taghha skond l-istess lista anessa mal-imsemmi affdavit tagha datat 27 ta' April 1999.

4. Tilqa' r-raba' talba u tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet kollha tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

5. Illi tilqa' l-hames talba fis-sens li dwar manteniment tal-attrici u b'applikazzjoni tal-**artikolu 54 (6)** l-istess attrici qed tigi assenjata nofs l-indiviz tal-fond 41, Hope Street, Mosta u dan *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment lilha spettanti mill-konvenut u kollox kif provdut f'din id-decizjoni dwar t-tielet talba tac-citazzjoni attrici.

Illi bhala manteniment ghall-minuri, din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghan-nom tal-istess minuri Mary Anne u Bernardette s-somma ta' hamsin liri Maltin (Lm50) fix-xahar b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema ammont ghandu jithallas b'erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici, u ghal dan l-iskop tordna li l-istess ammonti jinqatghu direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tal-istess konvenut, u jinbaghtu

direttament mill-istess *employer* lill-attrici fir-residenza taghha. Il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut.

6. Tilqa' s-sitt talba fis-sens li tordna lill-konvenut ihallas il-manteniment ghall-minuri kif indikat f'din id-decizjoni u kif iffissat konsegwenti ghall-hames talba attrici.

7. Tilqa' s-seba' talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Mary Anne u Bernardette lill-attrici salv id-dritt tal-access ghalihom favur il-konvenut nhar ta' Hadd jew is-Sibt, alternattivament, bejn 8:30 a.m. u l-12:00 p.m. u nhar ta' Erbgha bejn il-5:00 p.m. u s-7:00 p.m. It-tfal jingabru u jigu ritornati mill-konvenut mid-dar tal-attrici. Tali kura u kustodja u access ghandha tigi ezercitata minn kull parti bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-partijiet.

8. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici qed tigi assenjata d-dar taz-zwieg kif indikat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------